L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 23 ta' Novembru, 2001

# Il-Partit Solitarju u l-KarnIVAl

*Sfortunatament ergajt inzertajt speci ta' KarnIVAl warajja. Kummenti ma jaqtghu xejn, tmaqdir personali, taqtiq u kliem oxxen. Issa l-ordni nahseb li drajtuha. Ergajt wasalt f'punt li kelli ndur lura u nsikket. U ghal darb'ohra inghalqu l-hluq! Donnhom ikunu f'estasi li billi wiehed ikellimhom, jista' jerga' jgibhom f'sensihom.*

Staqt nikteb dwar aspett differenti tal-furur li bhalissa qed jolqot lil Malta politika. Nitkellem dwar dak li nsejjahlu l-partit solitarju. Ninnota li, ghalkemm il-makna tal-propoganda li tappoggja shubija shiha fl-Unjoni hija wahda kbira u flok biss isservi ta' porpoganda sservi wkoll ta' *paper shredder* ghax tqatta' hafna karti tal-liri, anki jekk nofshom ikunu ffinanzjati mill-Unjoni, il-kwart l-iehor mit-taxxi tal-gvern.

U minkejja l-organizzazzjoni kollha li hemm wara dil-propoganda li, mhux biss imlahhma bil-volontarjat bhalma huma ghaqdiet kritici ta' l-Unjoni, imma b'nies b'pagi fenomenali, li min jahdem minn fil-ghodu sa fil-ghaxija fuq dan l-aspett tal-politika barranija Maltija (jekk hawn Malta ghad fadal distinzjoni bejn politika lokali, nazzjonali u internazzjonali).

Dan minkejja li hemm numru sostanzjali ta' nies li qeghdin jippozaw ta' esperti jew informaturi indipendenti li qeghdin jappoggjaw il-fehma ta' dan il-partit.

Dawn minkejja li telghin u nezlin l-Unjoni, jaraw kif l-ahjar li jmexxu l-propoganda taghhom, u biex ma nghidx minkejja ohra, nghid, minkejja l-fatt li l-maskri kemm tal-mexxej, kif ukoll ta' dawn li, mill-quccija kienu mharrga juru wicc b'iehor bid-dahka jghidu, li n-nies tappoggja lilhom fil-maggoranza u li r-rebha hi taghhom u taghhom biss.

Izda minkejja dan kollu, inhoss li kemm il-partit politiku li jappoggja shubija shiha kif ukoll l-ghaqdiet l-ohra kollha huma biss ghaqdiet solitarji.

U ghaliex qieghda nghid dan?

Facli! Bizzejjed wiehed iqabbel l-ammont ta' nies li jattendu ghal-laqghat fil-pubbliku ta' dawn l-ghaqdiet. Erbgha min-nies bilqieghda quddiemhom u l-gurnalisti u l-kameramen. Mhux ta' b'xejn ma tantx jazzardaw jaghmlu laqghat ghall-pubbliku, imma dejjem jaghmluhom biss ghall-Istampa madwar xi mejda tonda u komda!

Fattur iehor li jgeghilni nithasseb sew dwar kemm verament dawn l-ghaqdiet kollha mdawrin bl-imhabba tal-poplu hu l-fatt li, meta jkun hemm xi kelliem jew kelliema li jattendu laqghat li mhumiex necessarjament favur l-Unjoni biss, imma huma mhalltin min-natura taghhom – tinnota li l-kelliem ikun gab mieghu xi erba' maskeruni biex joqoghdu fost l-udjenza u kemm jista' jkun imaqdru lill-kelliema kritici halli jisimghuhom ta' quddiemhom.

Imma dawn l-ispeci ta' IVA hamalla, jew x'inhi, hafna drabi ma jaslux biss sa ma lanqas ihallu lil ta' quddiemhom jisma' x'inhu jintqal – imma sahansitra jispiccaw jibbuwjaw u juzaw kliem hazin u

oxxen. U li hija iktar sabiha hi li, filwaqt li l-impressjoni tieghek tkun digà ffurmata li dak ta' hdejk jew dak ta' warajk li qed iwaqqa' l-lingwa Maltija b'dak il-mod bla ma ghandu ebda dritt, malajr issib li dak ghandu c-certifikat ta' l-Università digà stampat fil-kexxun ghal tliet snin ohra meta jitlaq!

Billi jiena nattendi hafna avvenimenti li ghandhom x'jaqsmu ma' l-Unjoni, fid-diversi kapacitajiet (jew ugigh ta' rasijiet) tieghi, kull meta kelli x'naqsam ma' dawn in-nies, li nista' nsejhilhom *back seaters* ikkonfermajt kif inhu verament il-karattru tal-*front seaters* (ghax il-*back seaters* hafna drabi jghidu fil-pubbliku dak li l-*front seaters* jibzghu jghidu quddiem il-kameras kif ukoll kemm il-*front seaters* ta' l-IVA u l-ghaqdiet l-ohra huma nies solitarji li jridu jiehdu l-appogg maghhom meta jattendu x'imkien. Niftakar meta ghaddejt ghal programm televiziv popolari hafna, ghax kont mistiedna. Ma naf ta' hdejja kinux mistednin ukoll – imma jekk kienu mistednin, ma tantx kien jixirqilhom. Apparti tghajjir personali lejn xi nies li kienu fuq il-*panel* u xi kelma hazina, kummenti li jwaqqghu kemm l-identità Maltija kif ukoll in-nisel taghna, tant li x'hin ma flahtx nisma' iktar insulti (xi haga li rari naghmel) spiccajt nghajjarhom razzisti. U ghalqu halqhom.

Ricentement, gara incident simili iehor. Wiehed minn dawn il-*back seaters* qabel ma bdiet il-laqgha, biex ma jurix kemm mar apposta biex imaqdar beda jghajjat "ejja ha nibdew ha mmorru 'l hemm ghax ghandna x'naghmlu !"

Sfortunatament ergajt inzertajt speci ta' KarnIVAl warajja. Kummenti ma jaqtghu xejn, tmaqdir personali, taqtiq u kliem oxxen. Issa l-ordni nahseb li drajtuha. Ergajt wasalt f'punt li kelli ndur lura u nsikket. U ghal darb'ohra inghalqu l-hluq! Donnhom ikunu f'estasi li billi wiehed ikellimhom, jista' jerga' jgibhom f'sensihom.

Malli spiccat it-tahdita – min l-ewwel li staqsa l-mistoqsija? Il-halq ta' warajja. Qal xebgha kliem irrelevanti u kellu argument sod kissru bil-kliem fil-vojt li qal mieghu. Malli lesta l-mistoqsija tieghu, harab jigri 'l barra bla ma sema' t-twegiba taghha, kuntent li ghamel xoghlu.

U l-hasra f'dan kollu hi, li meta nsegwu xi tahdita pubblika jew programm televiziv, nahsbu li l-udjenza ma ntaghzlitx minn qabel biex iccapcap jew tibbuwja! Meta ahna nkunu qeghdin nassistu biss ghal teatrin jew loghba cess – fejn kulhadd ikollu r-rwol tieghu, jaghmel dak u ma jinteressahx x'gara fil-kumplament tal-programm.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*